Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,324, 8 ta' Ottubru, 2024
Taqsima B

A.L. 264 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Istitut Edward de Bono għall-Ħsieb Kreattiv u l-Innovazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut Edward de Bono għall-Ħsieb Kreattiv u l-Innovazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut, liema ordinamenti ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Istitut Edward de Bono għall-Ħsieb Kreattiv u l-Innovazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut Edward de Bono għall-Ħsieb Kreattiv u l-Innovazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.;

"l-Istitut" tfisser tal-Istitut Edward de Bono għall-Ħsieb Kreattiv u l-Innovazzjoni; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2024 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Grad ikun miftuħ għal applikanti li jkollhom il-kwalifiki li ġejjin:

(a) il-grad ta' Master ta' din l-Università jew ta' università oħra f'qasam ta' studju rilevanti għal dak li applikaw għalih; jew

(b) kwalifika meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, li hija ekqwivalenti għal jew ogħla mill-kwalifika li hemm referenza għaliha fil-paragrafu (a) ta' dan l-ordinament.

4. L-applikanti jistgħu wkoll jintalbu juru l-kompetenza tagħhom f'dawk il-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

It-Taqsimiet-Studju Mgħallma

5. Meta l-Bord iqis li hu meħtieġ, jista' jitlob li l-istudenti jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet-studju waqt il-kors tal-istudji tagħhom, u/jew li jtemmu b'mod sodisfaċenti xogħlijiet irrakkomandati mill-Bord, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huwa jista' jimponi, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

6. Il-Bord għandu japprova u jippubblika linji gwida dwar il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

It-Tħassir

7. L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Istitut Edward de Bono għat-Tifsil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb, ippubblikati bħala Avviż Legali 184 tal-2016, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2024.